

*L-Istat
tal-**Unjoni**
2025*

***Kronoloġija:**
l-ewwel sena fil-kariga*

Il-Kummissjoni von der Leyen
2024–2029

Diċembru 2024



L-1 TA' DIĊEMBRU

It-tieni Kummissjoni von der Leyen tidħol fil-kariga.



IS-6 TA' DIĊEMBRU

Il-President von der Leyen tivvjaġġa lejn l-Urugwaj u tilħaq ftehim politiku dwar sħubija innovattiva mal-pajjiżi tal-Mercosur.



L-10 TA' DIĊEMBRU

Il-Kummissjoni Ewropea tapprova pagament finali ta' EUR 50 miljun lill-Moldova taħt il-programm ta' assistenza makrofinanzjarja tagħha, li jġib l-appoġġ totali pprovdut minn Lulju 2022 għal EUR 295 miljun.



Jintgħażlu seba' konsorzji biex jistabbilixxu l-ewwel fabbriki tal-intelliġenza artifiċjali (IA) madwar l-Ewropa. Dan huwa pass ewlieni għall-bini ta' ambjent fertili għat-taħriġ ta' mudelli avvanzati tal-IA u għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IA.



IS-16 TA' DIĊEMBRU

L-UE tadotta l-15-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja. Dan jinkludi l-ejenkar ta' 52 bastiment mill-flotta mistura tar-Russja u 84 elenkar addizzjonali ta' individwi u entitajiet. Għall-ewwel darba, l-UE tadotta listi kompluti dwar persuni u entitajiet Ċiniżi għar-rwol tagħhom fl-appoġġ tal-industrija militari tar-Russja.



IS-16 U S-17 TA' DIĊEMBRU

Fid-dawl tal-waqqgħa tar-reġim ta' Assad fis-Sirja, il-President von der Leyen tivvjaġġa lejn it-Turkija u l-Ġordan u tesprimi l-impenn tal-UE għal Sirja magħquda li tirrispetta l-minoranzi kollha.



IT-18 TA' DIĊEMBRU

Il-Kummissjoni tiżborża kważi EUR 4.1 biljun lill-Ukrajna taħt il-Faċilità għall-Ukrajna.




L-20 TA' DIĊEMBRU

Il-President von der Leyen tilħaq ftehim politiku dwar sħubija modernizzata bejn l-UE u l-Iżvizzera.



Il-Kummissjoni tapprova żborż ta' EUR 1 biljun lill-Eġittu taħt il-programm ta' assistenza makrofinanzjarja tagħha, wara l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' politika miftiehma.



L-24 TA' DIĊEMBRU

Id-dħul fis-seħħ ta' RESTORE (Regional Emergency Support to Reconstruction (Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni)), li jippermetti lill-Istati Membri jidderieġu l-fondi tal-politika ta' koeżjoni lejn sforzi ta' rikostruzzjoni wara diżastri relatati mal-klima.

Jannar 2025



L-1 TA' JANNAR

Jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri tal-art bejn il-Bulgarija u r-Rumanija, u mal-bqija taż-żona Schengen. Iż-Żona Schengen issa tikkonsisti f'29 pajjiż Ewropew.



L-10 TA' JANNAR

L-ewwel EUR 3 biljun ta' self taħt l-inizjattiva tal-Aċċellerazzjoni tad-Dħul Straordinarju (ERA, Extraordinary Revenue Acceleration) immexxija mill-G7 jiġu żborżati lill-Ukrajna, li għandhom jiġihallu lura bir-rikavati minn assi Russi immobilizzati.



IL-15 TA' JANNAR

Il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta' azzjoni maħsub biex isaħħaħ iċ-ċibersigurtà tal-isptarijiet u tal-fornituri tal-kura tas-saħħa.



IS-17 TA' JANNAR

L-UE tikkonkludi negozjati dwar Ftehim Globali modernizzat mal-Messiku.



L-20 TA' JANNAR

Jitniedu mill-ġdid negozjati dwar ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Malażja, biex jiġu sfruttati benefiċċji saħansitra akbar għan-negozji u l-konsumaturi.



IT-23 TA' JANNAR

Il-President von der Leyen, flimkien mas-sħab u l-partijiet ikkonċernati internazzjonali, tniedi Forum ġdid dwar it-Tranżizzjoni Globali tal-Enerġija biex taċċellera t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.



IS-27 TA' JANNAR

L-UE tippreżenta pakkett ta' assistenza ta' emerġenza ta' EUR 30 miljun biex tindirizza l-kriżi tal-enerġija pprovokata minn Gazprom fil-Moldova. Dan l-appoġġ se jgħin biex 350 000 abitant fir-reġjun tat-Transnistrija jerġa' jkollhom l-elettriku u t-tiħin.



ID-29 TA' JANNAR

Il-Kummissjoni tippreżenta l-boxxla tal-kompetittività, il-pjan direzzjonali tagħha biex tagħti spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u tiżgura l-prosperità sostenibbli.



IT-30 TA' JANNAR

Tiġi ffirmata s-Sħubija Strateġika u Komprensiva bejn l-UE u l-Ġordan, li se tgħin biex jintlaħqu sfidi komuni u tavvanza l-valuri kondiviżi tal-paċi, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.



Il-Kummissjoni tniedi d-djalogu strateġiku dwar il-futur tas-settur awtomobilistiku tal-Ewropa.

Frar 2025



L-1 TA' FRAR

Jidħol fis-seħħ il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u ċ-Ċili.



L-4 TA' FRAR

Esperti legali ta' livell għoli tal-UE, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Ukrajna u 37 stat jistabbilixxu l-pedamenti legali għall-istabbiliment ta' Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna.



Il-Kummissjoni u l-Moldova jaqblu dwar strateġija komprensiva ta' sentejn għall-indipendenza u r-reżiljenza tal-enerġija, flimkien ma' appoġġ immedjat għall-kontijiet tal-enerġija.




IL-5 TA' FRAR

Il-Kummissjoni tħabbar miżuri biex tindirizza r-riskji li jirriżultaw minn importazzjonijiet ta' valur baxx mibjugħin permezz ta' bejjiegħa bl-imnut online u swieq mhux tal-UE li jospitaw kummerċjanti mhux tal-UE.



ID-9 TA' FRAR

L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jinqatgħu kompletament minn man-networks Russi u Belarussi u ngħaqdu mal-grilja tal-elettriku kontinentali Ewropea qabel il-mument skedat. Dan sar possibbli parzjalment bis-saħħa tal-appoġġ politiku u finanzjarju mill-Kummissjoni, b'aktar minn EUR 1.2 biljun f'finanzjament Ewropew.



IL-11 TA' FRAR

Il-President von der Leyen tniedi l-inizjattiva InvestAI biex timmobilizza EUR 200 biljun ta' investiment fl-IA, inkluż fond Ewropew ta' EUR 20 biljun għall-gigafabbriki tal-IA.




ID-19 TA' FRAR

Il-Kummissjoni tippreżenta l-viżjoni għall-agrikoltura u l-alimentazzjoni, pjan direzzjonali ambizzjuż biex jappoġġa l-bdiewa Ewropej, jipproteġi s-sigurtà alimentari tal-UE u jiżgura l-futur tal-biedja u tal-alimentazzjoni fl-Ewropa.



ID-19 U L-20 TA' FRAR

Il-President von der Leyen tagħti spinta lir-rabtiet mar-reġjun tal-Karibew matul it-48 Summit tal-CARICOM fil-Barbados u taferma mill-ġdid l-impenn tal-Ewropa li tapprofondixxi r-relazzjonijiet u s-sħubija tagħha mar-reġjun.



IL-21 TA' FRAR

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE jippreżentaw sett ta' miżuri biex isaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-kejbils sottomarini.



L-24 TA' FRAR

Tliet snin wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, il-President von der Leyen u l-Kulleġġ tal-Kummissarji jżuru l-Ukrajna u jiltaqgħu mal-President Zelenskyy u l-gvern tiegħu f'turija ta' impenn sod u ta' solidarjetà. L-UE tadotta wkoll is-16-il pakkett ta' sanzjonijiet tagħha kontra r-Russja u tippreżenta pakkett ġdid biex tappoġġa s-sigurtà tal-enerġija tal-Ukrajna u l-integrazzjoni sħiħa tagħha fis-suq tal-elettriku tal-UE.



IS-26 TA' FRAR

Il-Kummissjoni tiżvela l-pjan għal industrija nadifa; il-pjan ta' azzjoni għal enerġija affordabbli, biex jiġu ffrankati EUR 260 biljun fis-sena sal-2040; kif ukoll proposti ta' simplifikazzjoni dwar is-sostenibbiltà u l-investimenti tal-UE, u tagħti aktar minn EUR 6 biljun f'għajjnuna amministrattiva. Dawn l-inizjattivi se jagħtu spinta lill-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija Ewropea filwaqt li jżommu lill-UE impenjata għall-miri klimatiċi tagħha u jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni.



IS-27 U T-28 TA' FRAR

Il-President von der Leyen u l-Kulleġġ tal-Kummissarji jivvjaġġaw lejn l-Indja biex isaħħu s-sħubija bejn l-UE u l-Indja. Huma jiltaqgħu mal-Prim Ministru Narendra Modi u l-gvern tiegħu u jipparteċipaw fit-tieni laqgħa tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja.

Marzu 2025



L-4 TA' MARZU

Il-Kummissjoni triedi d-djalogu strateġiku dwar l-azzar biex tindirizza l-isfidi kritiċi li jiffaċċja s-settur u tiżgura s-suċċess kontinwu tiegħu bħala mutur ewlieni tal-ekonomija Ewropea.



IL-5 TA' MARZU

Il-Kummissjoni tadotta l-unjoni tal-ħiliet, akkumpanjata minn pjan ta' azzjoni dwar il-ħiliet bażiċi u pjan strateġiku għall-edukazzjoni STEM (science, technology, engineering and mathematics (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika)). Dawn l-inizjattivi se jipprovdu lin-nies b'ħiliet imtejba, li jippermettulhom jaċċessaw impjegi ta' kwalità u jinnavigaw it-tranżizzjonijiet, filwaqt li jagħmlu lill-kumpaniji Ewropej aktar kompetittivi.



Il-Kummissjoni u s-sħab soċjali transindustrijali jiffirmaw patt ġdid għad-djalogu soċjali Ewropew biex jissaħħaħ ir-rwol tas-sħab soċjali fit-tiswir tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-politiki tal-impjegi u tal-politiki soċjali.



Preżentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għas-settur awtomobilistiku Ewropew, ibbażat fuq id-djalogu strateġiku relatat. Dan jinkludi miżuri biex tiżdied il-kompetittività tas-settur; jitħaffu l-innovazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni; u tiġi pprovduta aktar flessibbiltà fir-rigward tal-konformità mal-istandards tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet, filwaqt li jinżammu l-miri tal-2035.




IS-7 TA' MARZU

Il-Kummissjoni tadotta l-pjan direzzjonali għad-drittijiet tan-nisa, li jistabbilixxi l-viżjoni fit-tul tal-UE biex tavvanza d-drittijiet tan-nisa u tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tirrealizza bis-sħiħ soċjetà ugwali bejn il-ġeneri.



L-10 TA' MARZU

L-UE u r-Repubblika tal-Korea jikkonkludu negozjati dwar ftehim kummerċjali diġitali.



IL-11 TA' MARZU

Il-Kummissjoni tipproponi att kritiku dwar il-mediċini biex itejjeb id-disponibbiltà tal-mediċini, jiddiversifika l-ktajjen tal-provvista u jagħti spinta lill-manifattura farmaċewtika fl-UE.



Tiġi proposta sistema Ewropea komuni għar-ritorni għal ritorn aktar rapidu, aktar sempliċi u aktar effettiv ta' dawk il-migranti mingħajr id-dritt li jibqgħu fl-UE. Il-proposta tinkludi ordni ta' ritorn Ewropew uniku, rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.



IT-13 TA' MARZU

Matul is-Summit bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel f' Cape Town, il-President von der Leyen tħabbar it-tnedija ta' negozjati dwar sħubija għal kummerċ u investiment nodfa, flimkien ma' pakkett ta' investiment tal-Global Gateway b'valur ta' EUR 4.7 biljun, prinċipalment biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ġusta tal-enerġija tal-Afrika t'Isfel.



IS-17 TA' MARZU

Matul il-konferenza "Nieqfu mas-Sirja: Nissodisfaw il-ħtiġijiet għal tranżizzjoni b'suċċess" fi Brussell, il-Belġju, l-UE timmobilizza EUR 5.8 biljun f'appoġġ internazzjonali għat-tranżizzjoni tas-Sirja u tar-reġjun, inklużi EUR 2.5 biljun għall-2025-2026 mill-UE nnifisha.

Il-Kummissjoni tiżborża kważi EUR 4.1 biljun lill-Ukrajna taħt il-Faċilità għall-Ukrajna.



ID-19 TA' MARZU


Jiġi adottat il-pjan Prontezza 2030. Il-pakkett jabilita nefqa għad-difiża ta' aktar minn EUR 800 biljun kemm bis-saħħa tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali kif ukoll tas-SAFE, strument tal-Kummissjoni biex jiġbor EUR 150 biljun fis-swieq kapitali. Il-flus se jintużaw biex jingħata self lill-Istati Membri b'termini vantaġġużi, biex isir investiment fl-akkwist komuni ta' kapaċitajiet ta' difiża prijoritarji.

Il-Kummissjoni tadotta l-istrateġija tal-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti biex ittejjeb il-mod kif is-sistema finanzjarja tal-UE tidderieġi t-tfaddil lejn investimenti produttivi. Dan se jgħallq opportunitajiet għaċ-ċittadini biex jinvestu f'impriżi produttivi u għan-negozji tal-UE biex isibu l-finanzjament li jeħtieġu biex jikbru u jespandu.





Jiġi adottat il-pjan ta' azzjoni dwar l-azzar u l-metalli, li jibni fuq id-djalogu strateġiku mniedi fl-4 ta' Marzu. Il-pjan isahha il-kompetittività tas-settur u jissalvagwardja l-futur Ewropew tal-industrija.



L-20 TA' MARZU

Jiġu żborżati EUR 1 biljun oħra lill-Ukrajna taħt is-self tal-ERA mmexxi mill-G7, li għandu jitħallas lura b'rikavati minn assi Russi immobilizzati.



IL-25 TA' MARZU

Il-Kummissjoni tagħżel l-ewwel 47 proġett skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, biex tiżgura u tiddiversifika l-aċċess tal-UE għall-materja prima.



Il-Kummissjoni tniedi l-Helpdesk tas-Sanzjonijiet tal-UE, servizz ta' punt uniku ta' servizz li jipprovdi appoġġ bla ħlas lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jikkonformaw mas-sanzjonijiet tal-UE madwar id-dinja.



IS-26 TA' MARZU

Tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni u mir-Rappreżtant Għoli l-istrateġija ta' tħejija tal-UE, biex tissaħħa il-kapaċità tal-Ewropa li tipprevjeni u tirrispondi għal theddid emerġenti. L-Istrateġija għandha l-għan li tħejji liċ-ċittadini, il-gvernijiet u lill-istituzzjonijiet ekonomiċi u soċjali fil-każ ta' xi tfixkil.



IS-27 TA' MARZU

Matul is-Summit dwar in-Nutrizzjoni għat-Tkabbir, il-Kummissjoni twiegħed EUR 3.4 biljun sal-2027 biex tiġġieled kontra l-malnutrizzjoni madwar id-dinja. L-investment se jiffoka fuq l-appoġġ lill-pajjiżi sħab li qed jiffaċċjaw livelli għoljin ta' malnutrizzjoni tat-tfal.



Il-President von der Leyen tipparteċipa f'laqgħa "Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti" b'appoġġ għall-Ukrajna.



IT-28 TA' MARZU


Allokazzjoni ta' EUR 1.3 biljun għall-perjodu li jwassal sal-2027 b'appoġġ għall-użu ta' teknoloġiji kritiċi, bħall-IA, min-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-inizjattivi se jitwettqu taħt il-programm Ewropa diġitali.



Il-Kummissjoni tressaq proposta biex tappoġġa s-settur tal-inbid tal-Ewropa, filwaqt li tiżgura li jibqa' kompetittiv u vitali fid-deċennji li ġejjin. Il-miżuri jkopru l-prattiki agrikoli, l-appoġġ għall-klima, ir-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni u l-promozzjoni barra mill-pajjiż iffinanzjata mill-UE.




Wara terremot devastanti li laqat lill-Myanmar/Burma, l-UE timmobilizza assistenza ta' emerġenza inizjali b'valur ta' EUR 2.5 miljun. Fil-jiem ta' wara, l-UE tniedi operazzjoni umanitarja bl-ajru, tibgħat esperti biex jikkoordinaw it-twassil tal-assistenza u tipprovdi appoġġ finanzjarju addizzjonali.



IL-31 TA' MARZU


Il-Kummissjoni tħabbar 135 proġett taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' 390 riforma fl-2025. Ir-riformi se jappoġġaw il-kompetittività u t-tranżizzjoni diġitali tal-UE.

April 2025



L-1 TA' APRIL

Il-Kummissjoni tadotta ProtectEU, strateġija ta' sigurtà interna biex issaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tiggarrantixxi s-sigurtà għaċ-ċittadini tagħha. Il-miżuri proposti jinkludu kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu, l-estremiżmu vjolenti u l-kriminalità organizzata.



Il-Kummissjoni tippreżenta r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, b'miżuri biex l-istrumenti ta' koeżjoni jappoġġaw prijoritajiet ġodda tal-UE bħall-kompetittività, id-difiża, l-akkomodazzjoni affordabbli u r-reżiljenza tal-ilma.

Il-Kummissjoni tipproponi miżuri ta' flessibbiltà biex tgħin lill-manifatturi jikkonformaw mal-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-2025 għall-karozzi u għall-vannijiet ġodda. Il-proposta żżomm il-mira tal-2025 filwaqt li tissalvagwardja l-kapaċità tal-industrija li tinvesti fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Il-Kummissjoni tiżborża t-tielet pagament regolari ta' bejn wieħed u ieħor EUR 3.5 biljun skont il-Faċilità għall-Ukrajna.

IT-3 TA' APRIL

Jiġi ospitat mill-Kummissjoni d-Djalogu Ekonomiku ta' Livell Għoli bejn l-UE u t-Turkija bl-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija fi żmien ta' bidliet ġeopolitiċi sinifikanti.

L-4 TA' APRIL

Il-President von der Leyen, flimkien mal-President tal-Kunsill Ewropew Costa, tipparteċipa fl-ewwel Summit li qatt sar bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, u ltaqgħet mal-presidenti tal-ħames sħab tal-Asja Ċentrali. Il-partijiet jaqblu li jtejbu r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja Ċentrali biex iġibuhom fil-livell ta' sħubija strateġika.




IT-8 TA' APRIL

Il-Kummissjoni torganizza djalogu ta' livell għoli mar-rappreżentanti tal-industrija farmaċewtika biex tiddiskuti l-implikazzjonijiet tat-tariffi potenzjali tal-Istati Uniti fuq il-prodotti farmaċewtiċi.



ID-9 TA' APRIL

Il-Kummissjoni tadotta l-pjan ta' azzjoni tal-kontinent tal-IA, biex tqiegħed lill-UE f'pożizzjoni li ssir mexxejja dinjija fl-IA, tistabbilixxi gigafabbriki tal-IA, tiżviluppa infrastruttura ta' livell għoli, tippromwovi r-riċerka u tagħti spinta lill-użu tal-IA min-negozji u mill-amministrazzjonijiet pubbliċi.



ID-9 U L-10 TA' APRIL

L-UE u l-Kummissjoni jieħdu diversi deċiżjonijiet b'appoġġ għall-Ukrajna, inkluż l-iżborż ta' EUR 1 biljun taħt l-inizjattiva G7 ERA li għandhom jitħallsu lura b'rikavati minn assi Russi immobilizzati; jġu ffirmati ftehimiet b'valur ta' EUR 300 miljun b'appoġġ għall-irkupru tal-Ukrajna; u l-estensjoni tal-ftehim attwali dwar it-trasport bit-triq li jiffaċilita l-aċċess tal-Ukrajna għas-suq uniku tal-UE.



L-14 TA' APRIL

Il-Kummissjoni tipproponi programm ta' appoġġ komprensiv ta' massimu ta' EUR 1.6 biljun biex tappoġġa l-irkupru u r-reżiljenza tal-Palestina. Il-programm se jkopri l-perjodu 2025–2027, u jinkludi EUR 620 miljun f'għotjiet għall-Awtorità Palestinjana; EUR 576 miljun f'għotjiet għal proġetti konkreti biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku fil-prattika; u sa EUR 400 miljun f'self mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għas-settur privat Palestinjan.



Jiltaqa' l-ewwel Djalogu Politiku ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Palestina. Iż-żewġ naħat jikkellmu dwar is-sitwazzjoni f'Gaza u x-Xatt tal-Punent, u dwar il-prospetti għall-avvanz tas-soluzzjoni ta' żewġ stati.




IL-15 TA' APRIL

Jiġu ppubblikati miżuri ta' simplifikazzjoni mill-Kummissjoni fil-qafas tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni fi tmiem l-2025. Flimkien, dawn il-miżuri kollha se jwasslu għal tnaqqis stmat bħalissa ta' 30 % tal-kostijiet u l-piż amministrattivi għall-kumpaniji.




Matul il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar is-Sudan, il-Kummissjoni twieġhed EUR 282 miljun fl-2025 biex tindirizza s-sitwazzjoni umanitarja kritika fil-pajjiż. L-Istati Membri jwieġhdu EUR 240 miljun oħra, għal total tal-UE ta' EUR 522 miljun.



IS-16 TA' APRIL

Il-Kummissjoni tipproponi li jiġu antiċipati elementi tal-patt dwar il-migrazzjoni u l-ażil, flimkien mal-ħruġ ta' lista tal-UE ta' pajjiżi ta' orġini sigur.



Skont Safety Gate, is-sistema Ewropea ta' twissija rapida għal prodotti perikolużi mhux tal-ikel, ġew irreġistrati 4 137 twissija fl-2024 — l-oġġla numru mill-ħolqien tas-sistema fl-2003.


Tiġi adottata lista ta' prodotti li għalihom il-Kummissjoni se tipprijoritizza l-iżvilupp tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u tat-tikkettar tal-enerġija. Il-prodotti magħżula jinkludu l-azzar, l-aluminju, it-tessuti u t-tajers. Ir-rekwiżiti armonizzati se jrawmu l-użu ta' prodotti li jistgħu jissewwew, ċirkolari u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jipprevjenu l-ostakli għall-kummerċ fis-suq uniku.

IT-22 TA' APRIL

Biex tkompli tabilita l-investiment fid-difża, il-Kummissjoni twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform), u tippermetti appoġġ għal proġetti taħt Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għad-Difża u l-programm Ewropa diġitali għall-innovazzjoni relatata mad-difża u b'użu doppju.

IT-23 TA' APRIL

Skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali, il-Kummissjoni timmulta lil Apple EUR 500 miljun talli kisret l-obbligu tagħha kontra d-direzzjonar tal-utenti u lil Meta EUR 200 miljun talli kisret l-obbligu tagħha li tagħti lill-konsumaturi l-għażla ta' servizz li juża inqas mid-*data* personali tagħhom. Fl-istess jum, u wara skambji kostruttivi, il-Kummissjoni tagħlaq l-investigazzjoni tagħha dwar Apple f'każ separat relatat mal-obbligi dwar l-għażla tal-utent.



Mejju 2025



L-24 TA' APRIL

Il-Kummissjoni tipproponi reviżjoni komprensiva tar-regoli tal-UE dwar is-sikurezza fit-toroq u tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, li jagħtu prijorità lis-sikurezza fit-toroq u lill-kwalità tal-arja u protezzjoni aħjar liċ-ċittadini minn tbaġħbis frodulent tal-odometri.

Il-Kummissjoni tipproponi li tintegra fil-liġi tal-UE l-Ftehim dwar id-Diversità Bijoloġika tal-Baħar ta' Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (il-Ftehim BBNJ), li għandu l-għan li jipproteġi l-oċean, jindirizza d-degradazzjoni ambjentali u jrażżan it-telf tal-bijodiversità.

IT-30 TA' APRIL

Il-Kummissjoni tthabbar 62 proġett tad-difiża li se jirċievu EUR 910 miljun f'appoġġ mill-Fond Ewropew għad-Difiża. Il-proġetti se jikkontribwixxu għall-prijoritajiet stabbiliti fil-pjan ta' Tħejija 2030. Għall-ewwel darba, entitajiet Ukreni se jipparteċipaw fil-proġetti.

IL-5 TA' MEJJU

Il-President von der Leyen tippreżenta l-inizjattiva "Agħżel l-Ewropa" biex tattira xjenzati, riċerkaturi, akkademiċi u ħaddiema b'ħiliet superjuri minn madwar id-dinja. L-inizjattiva tinkludi pakkett ta' EUR 500 miljun għall-2025–2027.

IS-6 TA' MEJJU

Il-Kummissjoni tadotta l-pjan direzzjonali REPowerEU, bl-għan li telimina gradwalment kompletament l-importazzjonijiet kollha li fadal ta' gass, żejt u fjuwils nukleari Russi.



IS-7 TA' MEJJU

L-UE tiffirma ftehim kummerċjali diġitali ma' Singapore.



IT-8 TA' MEJJU

Il-Kummissjoni tiżborża EUR 1 biljun oħra lill-Ukrajna taħt is-self tal-ERA mmexxi mill-G7, li għandu jitħallas lura b'rikavati minn assi Russi immobilizzati.



ID-9 TA' MEJJU

F'Jum l-Ewropa, fil-Lussemburgu, il-presidenti tal-istituzzjonijiet tal-UE jfakkru l-75 anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Schuman, ippronunzjata minn Robert Schuman, li witta t-triq għall-iżvilupp tal-UE.



Il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Ukrajna u pajjiżi sħab oħra japprovaw formalment l-istabbiliment ta' Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna.



Il-President von der Leyen tħabbar EUR 3 biljun f'appoġġ addizzjonali għall-Istati Membri bl-implimentazzjoni tal-patt dwar il-migrazzjoni u l-ażil.



IT-12 TA' MEJJU

Bħala parti mill-offerta tal-Kummissjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività, il-President von der Leyen tiltaqa' mar-rappreżentanti tal-industriji Ewropej tad-difiża u tal-kimika biex tiddiskuti l-prijoritajiet u t-tħassib ta' kull settur.



Matul it-tielet Kunsill ta' Sħubija Diġitali tagħhom, l-UE u l-Ġappun jaqblu li jikkooperaw aktar dwar teknoloġiji diġitali ewlenin bħall-IA, is-semikondutturi, il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-governanza tad-data, il-kejbils sottomarini u ċ-ċibersigurtà.



IT-13 TA' MEJJU

It-tieni Forum tal-Industrija tad-Difiża bejn l-UE u l-Ukrajna jsir fi Brussell, li jlaqqa' flimkien aktar minn 500 rappreżentant tal-industrija biex tissaħħaħ il-kkooperazzjoni u jitħeġġeġ l-akkwist konġunt fl-ispiritu tal-pjan ta' Tħejjija 2030.



L-14 TA' MEJJU

Il-Kummissjoni tadotta miżuri ta' simplifikazzjoni mmirati lejn il-politika agrikola komuni biex ikun aktar faċli li jiġu appoġġati l-bdiewa u biex il-proċessi involuti jsiru aktar simplifikati. Bil-miżuri adottati l-bdiewa jistgħu jiffirankaw EUR 1.58 biljun u l-amministrazzjonijiet nazzjonali EUR 210 miljun.




Il-Kummissjoni tippreżenta l-proġett pilota tal-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie "Agħżel l-Ewropa għax-xjenza" biex jingħataw aktar opportunitajiet lir-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom permezz ta' allowances kompetittivi u kuntratti itwal. Dan huwa parti mill-pjan "Agħżel l-Ewropa" ppreżentat mill-President von der Leyen.



MIS-16 SAT-18 TA' MEJJU

Fi Brussell, il-Belġju, issir l-aħħar sessjoni tal-panel taċ-ċittadini Ewropej dwar il-baġit fit-tul il-ġdid tal-UE. Għall-ewwel darba, grupp ta' 150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju mill-Istati Membri kollha jiddiskutu l-prijoritajiet għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Huma jagħmlu 23 rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni.



ID-19 TA' MEJJU

Isir f'Londra l-ewwel Summit li qatt sar bejn l-UE u r-Renju Unit. Iż-żewġ naħat jikkonkludu sħubija għas-sigurtà u d-difiża. Huma jilħqu qbil ukoll dwar aċċess reċiproku għall-ibħra mis-sajjieda sal-2038 u li jkomplu n-negozjati biex ikun hemm żona komuni sanitarja u fitosanitarja, l-assoċjazzjoni tar-Renju Unit mal-programm Erasmus+ jew il-ħolqien ta' skema tal-esperjenza taż-żgħażaġh li tagħti liż-żgħażaġh l-opportunità li jistudjaw u jaħdmu fl-UE u fir-Renju Unit.

—

Il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u diversi donaturi tal-għajnuna umanitarja lil Gaza jappellaw lill-gvern Iżraeljan biex jippermetti t-tkomplija sħiħa u immedjata tal-għajnuna u biex jippermetti li n-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-organizzazzjonijiet umanitarji jaħdmu biex isalvaw il-ħajjiet u jnaqqsu t-tbatija. Huma jtennu wkoll li l-Hamas għandhom jippermettu li l-assistenza umanitarja titqassam mingħajr interferenza u li għandhom jeħilsu l-ostaġġi kollha li fadal.




L-20 TA' MEJJU

L-UE tadotta s-17-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u żżid l-ispiża tal-gwerra għal Putin. Il-pakkett jinkludi l-ejenkar ta' 189 bastiment li huma parti mill-flotta mistura tar-Russja, biex b'hekk it-total jitla' għal 342.

—

Il-Kummissjoni tipproponi li tiffaċilita l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur". Dan se jaċċellera l-proċessi tal-ażil u jnaqqas il-prezzjoni fuq is-sistemi tal-ażil, filwaqt li jiżgura salvagwardji legali għall-applikanti u r-rispett tad-drittijiet fundamentali.





Il-Kummissjoni tħabbar 15-il proġett dwar il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, li se jiġu appoġġati b'EUR 992 miljun permezz tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu.

Fi tmiem il-Forum Umanitarju Ewropew, il-Kummissjoni twiegħed aktar minn EUR 2.3 biljun f'għajjnuna umanitarja għall-2025 biex tindirizza l-ħtiġijiet umanitarji f'Gaza, is-Sudan u l-Ukrajna.

IL-21 TA' MEJJU

Il-Kummissjoni tippreżenta strateġija tas-suq uniku li se toħloq suq Ewropew aktar sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu, biex il-kumpaniji jitħajru jagħżlu l-Ewropa.

Il-Kummissjoni tipproponi miżuri ta' simplifikazzjoni biex lin-negozji tal-UE tiffrankalhom EUR 400 miljun oħra fis-sena. Dan is-sett ġdid ta' miżuri jidentifika b'mod partikolari kategorija ġdida ta' kumpaniji — intrapriżi żgħir b'kapitalizzazzjoni medja — li jagħtihom aċċess għal ċerti benefiċċji eżistenti għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju, u b'hekk jinkoraġġixxi l-espansjoni fl-Ewropa.

Il-Kummissjoni tħabbar EUR 80 miljun f'finanzjament umanitarju tal-UE għall-2025 biex tappoġġa lill-persuni fil-bżonn fil-Jemen.



IS-26 TA' MEJJU

Qabel ma jibda s-sajf u l-istaġun tan-nirien fil-foresti, il-Kummissjoni tħabbar miżuri bħall-iskjerament ta' 670 pumpier, 22 ajruplan tat-tifi tan-nar u erba' ħelikopters, minn 14-il Stat Membru, f'postijiet b'riskju għoli fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza u fil-Portugall. L-iskjerament huwa kkoordinat u kofinanzjat mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.



IS-27 TA' MEJJU

Il-Kunsill jadotta SAFE, l-istrument ta' Tħejjija 2030 ta' EUR 150 biljun. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni tibda dalwaqt tiġbor flus fis-swieg kapitali biex tippermetti lill-Istati Membri jiffinanzjaw l-akkwist konġunt dwar il-prijoritajiet tad-difiża.

Il-Kummissjoni tiftaħ investigazzjonijiet kontra diversi siti web pornografiċi skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali minħabba n-nuqqas ta' mekkaniżmi effettivi ta' verifika tal-età li jesponu lill-minorenni għall-kontenut tagħhom.



IT-28 TA' MEJJU

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jadottaw strateġija għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed. L-UE se toħloq kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Ukrajna, il-Moldova, il-Georgia, it-Turkija, l-Armenja u l-Ażerbajġan, billi ssaħħaħ is-sigurtà u l-istabbiltà, trawwem it-tkabbir sostenibbli u l-prosperità, u tippromwovi l-protezzjoni ambjentali, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, it-tħejjija, u l-protezzjoni ċivili.





Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-Istati Membri turi li l-UE qed toqrob lejn l-oġettiv tal-2030 li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.



Il-Kummissjoni tniedi l-istrateġija “Agħżel l-Ewropa biex tibda jew tespandi negozju”, li se tgħin lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu jindirizzaw l-isfidi fit-teħid tal-ideat tagħhom mil-laboratorju għas-suq.




L-UE, flimkien ma' 14-il Stat Membru, tirratifika l-Ftehim dwar il-Bijodiversità fiż-Żoni lil Hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (BBNJ, Biodiversity Beyond National Jurisdiction) fi New York, l-Istati Uniti, qabel il-Konferenza tan-NU dwar l-Oċean f'Nizza, Franza.

Ġunju 2025



L-4 TA' ĠUNJU

Fil-pakkett tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż f'konformità mal-prijoritajiet tal-kumpass tal-kompetittività. Din hija l-ewwel valutazzjoni tal-progress tal-Istati Membri skont il-qafas rivedut ta' governanza ekonomika.



Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Bulgarija hija lesta tadotta l-euro mill-1 ta' Jannar 2026 u tipproponi lill-Kunsill deċiżjoni għal dak il-għan, li dan jadotta fit-8 ta' Lulju.



Il-Kummissjoni tipproponi l-baġit tal-UE għall-2026, imfassal biex jappoġġa objettivi strateġiċi bħall-appoġġ għall-Ukrajna, il-kompetittività, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, is-sigurtà u d-difiża, u l-investiment strateġiku.



Preżentazzjoni ta' triq 'il quddiem Ewropea għar-refuġjati Ukreni fl-UE. Dan jinkludi proposta biex tiġi estiża l-protezzjoni temporanja għan-nies li qed jaħarbu mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna sal-4 ta' Marzu 2027, filwaqt li titħejja wkoll tranżizzjoni koordinata lejn reġimi oħra.



L-adozzjoni tal-istrateġija Ewropea għar-reżiljenza tal-ilma, li għandha l-għan li tirrestawra u tipproteġi ċ-ċiklu tal-ilma, tiżgura ilma nadif u affordabbli għal kulħadd u toħloq ekonomija tal-ilma sostenibbli, reżiljenti, intelliġenti u kompetittiva fl-Ewropa.



Il-Kummissjoni tikkunsidra l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tipprovdi gwida lill-Istati Membri bil-ħsieb tal-għeluq tagħha fi tmiem l-2026.



IL-5 TA' ĠUNJU

Il-Kummissjoni tistabbilixxi għodda ġdida ta' sorveljanza biex tgħin tipproteġi lill-UE minn żidiet f'daqqa u potenzjalment ta' tfixkil fl-importazzjonijiet.



Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jistabbilixxu strateġija diġitali internazzjonali biex jaħdmu mas-sħab madwar id-dinja fl-appoġġ tat-tranżizzjonijiet diġitali tagħhom.



ID-9 TA' ĠUNJU

Fil-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani tal-2025, il-President von der Leyen tippreżenta l-patt tal-UE dwar l-oċeani biex tiġi restawrata s-saħħa tal-oċean, tiġi promossa ekonomija blu b'saħħitha u jiġi appoġġat il-benesseri tan-nies li jgħixu f'żoni kostali.



IL-11 TA' ĠUNJU

Il-Kummissjoni, Spanja, ir-Renju Unit u Ġibiltà jilhqqu ftehim politiku biex ineħħu l-kontrolli fuq persuni u merkanzija li jiċċirkolaw bejn Ġibiltà u Spanja filwaqt li jippreservaw l-integrità taż-żona Schengen, is-suq uniku u l-unjoni doganali.



IT-13 TA' ĠUNJU

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jawtorizza l-iffirmar tal-ftehimiet komprensivi mal-Iżvizzera. Fl-istess jum, il-Kunsill Federali Żvizzeru japprova l-ftehimiet u jiftaħ il-proċess għall-konsultazzjoni domestika tagħhom.



Il-Kummissjoni tiżborża EUR 1 biljun oħra lill-Ukraina taħt is-self tal-ERA mmexxi mill-G7, li għandu jitħallas lura b'rikavati minn assi Russi immobilizzati.



MILL-15 SAS-17 TA' ĠUNJU

Il-President von der Leyen, flimkien mal-President Costa, tipparteċipa fis-Summit tal-G7 f'Kananaskis, il-Kanada.



IS-16 TA' ĠUNJU

Fid-dawl tas-sitwazzjoni bejn l-Iżrael u l-Iran u l-għeluq tal-ispazju tal-ajru fil-Lvant Nofsani, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili jappoġġa l-organizzazzjoni ta' diversi titjiriet għaċ-ċittadini tal-UE biex jitilqu mir-reġjun.



IS-17 TA' ĠUNJU


Wara l-preżentazzjoni tal-pjan direzzjonali REPowerEU f'Mejju, il-Kummissjoni tipproponi leġislazzjoni biex twaqqaf gradwalment l-importazzjonijiet tal-gass u taż-żejt Russi sa tmiem l-2027.



Il-Kummissjoni tipproponi pakkett ta' simplifikazzjoni ddedikat lid-difiża bl-għan li tħaffef l-investiment fid-difiża u l-produzzjoni tagħha.



Bħala l-ewwel proposta leġislattiva taħt l-istrateġija tal-unjoni tat-tfaddil u l-investimenti, il-Kummissjoni tipproponi qafas ġdid biex it-titolizzazzjoni ssir aktar sempliċi u aktar adattata għall-iskop tagħha.



Il-Kummissjoni tipproponi li l-Ukrajna tiġi integrata fiż-żona tar-roaming tal-UE minn Jannar 2026, u b'hekk jiġu eliminati għal kollox it-tariffi tar-roaming għan-numri tat-telefown Ukreni fl-UE u viċi versa.



Titjira ta' pont bl-ajru umanitarju tal-UE tasal fl-Afganistan bi kważi 100 tunnellata ta' provvisti umanitarji. Fl-istess jum, il-Kummissjoni timpenja ruġha li tipprovdi EUR 161 miljun biex tgħin lill-Afgani l-aktar vulnerabbli.



IT-18 TA' ĠUNJU

L-UE u l-Awstralja jaqblu li jibdwu negozjati dwar sħubija għas-sigurtà u d-difiża u jġeddu l-impenn tagħhom biex jikkonkludu ftehim ta' kummerċ ħieles.



Il-Kummissjoni tħabbar il-konklużjoni preliminari tagħha skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali li AliExpress qed tikser l-obbligu tagħha li tivvaluta u timmitiga r-riskji relatati mat-tixrid ta' prodotti illegali. Il-kumpanija issa tista' teżamina u twieġeb għall-konklużjoni. Il-Kummissjoni taċċetta wkoll l-impenji ta' AliExpress li tittratta kwistjonijiet ta' trasparenza fis-sistemi ta' reklamar u ta' rakkomandazzjoni.



L-20 TA' ĠUNJU

Fil-qafas tal-Global Gateway u l-Pjan Mattei tal-Italja, il-Kummissjoni tiffirma diversi ftehimiet mal-pajjiżi Afrikani biex iżżid il-konnettività, tiżviluppa l-ħiliet u tavvanza sistemi agroalimentari sostenibbli.



Il-Kummissjoni teskludi lill-kumpaniji Ċiniżi mix-xiri min-naħa tal-gvernijiet tal-UE ta' apparati mediċi li jaqgħu l-EUR 5 miljun, wara investigazzjoni skont l-Istrument ta' Akkwist Internazzjonali.



IT-23 TA' ĠUNJU

Fis-Summit bejn l-UE u l-Kanada, iż-żewġ naħat jiffirmaw sħubija għas-sigurtà u d-difiża, li tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet bilaterali.



Sabiex jiżdied l-appoġġ għall-poplu Palestinjan, il-Kummissjoni talloka EUR 202 miljun lill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU fil-Lvant Qarib (UNRWA, UN Relief and Works Agency in the Near East) u lill-Awtorità Palestinjana.



L-24 TA' ĠUNJU

Il-Maċedonja ta' Fuq issir parteċipant fil-programm tal-UE dwar iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri.



Il-Kummissjoni tippreżenta pjan direzzjonali li jistabbilixxi kif l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi se jkollhom aċċess effettiv u legali għad-data diġitali li jeħtieġu biex jindirizzaw il-kriminalità organizzata, it-terroriżmu, it-traffikar tad-droga, l-abbuż sesswali tat-tfal, eċċ.



IL-25 TA' ĠUNJU

Il-Kummissjoni tipproponi att spazjali tal-UE u viżjoni għal ekonomija spazjali Ewropea — sett ġdid ta' miżuri biex is-settur spazjali tal-UE jsir aktar nadif, aktar sikur u aktar kompetittiv.



Il-Kummissjoni tippreżenta qafas ġdid ta' għajnuna mill-Istat biex tappoġġa l-oġġettivi tal-pjan għal industrija nadifa. Dan se jippermetti lill-Istati Membri jmxxu 'l quddiem l-iżvilupp tal-enerġija nadifa, id-dekarbonizzazzjoni industrijali u t-teknoloġija nadifa.



Fis-Summit Globali ta' Gavi: Is-Saħħa u l-Prospertà permezz tal-Immunizzazzjoni, ospitati b'mod konġunt mill-UE u l-Fondazzjoni Gates, il-mexxejja dinjija jwiegħdu aktar minn EUR 7.7 biljun lil Gavi.



IT-28 TA' ĠUNJU

Il-Kummissjoni tadotta żewġ deċiżjonijiet ta' adegwatezza biex tippermetti li d-data tkompli tiċċirkola liberament u b'mod sikur mar-Renju Unit.



IT-30 TA' ĠUNJU

L-UE u l-Ukrajna jilħqu ftehim dwar relazzjoni kummerċjali modernizzata fil-kuntest tal-proċess ta' adeżjoni tal-Ukrajna, b'kont meħud tas-sensittività ta' ċerti setturi agrikoli tal-UE.



Il-President von der Leyen tipparteċipa fir-raba' Konferenza Internazzjonali tan-NU dwar il-Finanzjament tal-Iżvilupp. Il-Kummissjoni u l-BEI jħabbru tip ġdid ta' ftehim ta' garanzija li se jipprovdi sa EUR 5 biljun biex jitneħħew ir-riskji mill-investimenti u jiġu estiżi l-operazzjonijiet tal-BEI barra mill-UE.

Lulju 2025



L-1 TA' LULJU

Il-Kummissjoni u s-sitt sħab tal-Balkani tal-Punent jiltaqgħu fi Skopje, il-Maċedonja ta' Fuq, biex jevalwaw il-progress skont il-pjan ta' tkabbir għall-Balkani tal-Punent, inklużi r-riformi, l-integrazzjoni fiż-żona unika ta' pagamenti bl-euro u l-konnettività diġitali. Il-Kummissjoni tipproponi pakkett ta' investiment biex timmobilizza sa EUR 487.3 miljun f'investiment fl-enerġija nadifa fl-Albanija, il-Montenegro u s-Serbja.




IT-2 TA' LULJU

Il-Kummissjoni tipproponi li fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima ddaħħal għall-2040 mira klimatika ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Il-proposta tintroduċi flessibbiltajiet li l-Kummissjoni se tikkunsidra fit-tfassil ta' strumenti biex tintlaħaq din il-mira u turi li l-UE għadha fit-triq it-tajba biex tikseb in-newtralità klimatika sal-2050.



Bl-istrateġija "Agħżel l-Ewropa għax-xjenzi tal-ħajja", il-Kummissjoni tfttex li tottimizza r-riċerka u tippermetti aċċess rapidu għas-suq għall-innovazzjonijiet fil-qasam tax-xjenzi tal-ħajja (l-istudju tas-sistemi tal-għajxien).



Il-Kummissjoni tippreżenta strateġija kwantistika biex l-UE ssir mexxejja fis-settur sal-2030. Il-miżuri jippromwovu r-riċerka u l-investiment f'ekosistema kwantistika Ewropea reżiljenti.



Biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni tniedi inizjattivi fl-oqsma tal-vjeġġi tal-iskart u l-ġestjoni tal-iskart elettriku u elettroniku. Bi djalogu strateġiku dwar iċ-ċirkolarità, jibda perjodu ta' konsultazzjoni pubblika li jwassal għall-att dwar l-ekonomija ċirkolari li jmiss.



IT-3 TA' LULJU

Il-Kummissjoni tagħżel 94 proġett tat-trasport li se jirċievu kważi EUR 2.8 biljun taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa biex tappoġġa t-tranżizzjoni nadifa u diġitali. EUR 3.66 biljun oħra jiġu żborżati mill-Fond għall-Modernizzazzjoni biex jappoġġaw 34 proġett tal-enerġija biex jappoġġaw il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija.



L-4 TA' LULJU

L-UE u l-Moldova jkollhom l-ewwel summit bilaterali tagħhom. Il-President von der Leyen tħabbar l-ewwel żborż ta' EUR 270 miljun skont il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova u ttenni l-fehma tal-Kummissjoni li l-pajjiż huwa lest li jiftaħ l-ewwel raggruppament tan-negozjati tal-adeżjoni.



Il-Kummissjoni tħabbar sitt proġetti tal-manifattura tal-batteriji tal-vetturi elettriċi li se jirċievu EUR 852 miljun taħt il-Fond għall-Innovazzjoni. Il-proġetti jappoġġaw l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE filwaqt li jagħtu spinta lill-kompetittività industrijali u joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja fl-Ewropa.



IS-7 TA' LULJU

Biex tinċentiva l-investment privat f'azzjonijiet biex tiġi mħarsa u ppreservata n-natura, il-Kummissjoni tniedi pjan direzzjonali lejn il-kreditu tan-natura.



IT-8 TA' LULJU

Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt jikkonferma trajettorja pożittiva f'ħafna Stati Membri, għalkemm għad hemm sfidi f'xi pajjiżi. Ir-rapport ta' din is-sena jagħmel enfasi partikolari fuq kwistjonijiet li għandhom rabta diretta mal-funzjonament xieraq tas-suq uniku u mal-kompetittività.

Il-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni għall-industrija tas-sustanzi kimiċi u pakkett ta' simplifikazzjoni għas-settur. Dawn l-inizjattivi se jsaħħu l-kompetittività u l-modernizzazzjoni tas-settur fl-UE.



ID-9 TA' LULJU

Bħal implimentazzjoni tal-istrateġija ta' tnejn tal-Unjoni, il-Kummissjoni tnedi l-istrateġija ta' kumulazzjoni ta' riżerva tal-UE u l-istrateġija ta' kontromiżuri mediċi. It-tnejn huma mfassla biex itejbu l-aċċess għal oġġetti essenzjali fi żminijiet ta' kriżi.



L-10 TA' LULJU

Fil-Konferenza dwar l-Irkupru tal-Ukrajna f'Ruma, il-Kummissjoni tiżvela pakkett ta' ftehimiet ta' EUR 2.3 biljun ma' istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi biex tappoġġa l-isforzi ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Il-President von der Leyen ittenni l-impenn tal-UE lejn l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna kif ukoll l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-Ukrajna hija lesta tiftaħ l-ewwel raggruppament tan-negozjati tal-adeżjoni.



Il-Kummissjoni tirċievi l-kodiċi ta' prattika tal-IA bi skop ġenerali mħejji minn esperti indipendenti. Il-kodiċi huwa għodda volontarja mfassla biex tgħin lill-industrija tikkonforma mar-regoli tal-Att dwar l-IA.




IL-11 TA' LULJU

Il-Kummissjoni u l-Ukrajna jħabbru BraveTech EU biex jaċċelleraw l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża billi jibnu fuq innovazzjonijiet ittestjati fil-qasam tal-battalja mill-Ukrajna.



IT-13 TA' LULJU

Il-Kummissjoni u l-Indoneżja jilhqqu ftehim politiku dwar il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiva tagħhom, pass deċiżiv lejn il-konklużjoni tiegħu.



L-14 TA' LULJU

Il-Kummissjoni tippreżenta linji gwida skont l-ASD għall-protezzjoni tal-minorenni u prototip ta' applikazzjoni għall-verifika tal-età biex jiġi mminimizzat l-esponiment tat-tfal għal kontenut dannuż online filwaqt li tkun protetta għalkollox il-privatezza tal-utenti tagħha.




F'laqgħa tal-mexxejja, il-President von der Leyen u l-President tal-Kunsill Ewropew Costa jilqgħu l-qrubija dejjem tikber tal-Armenja mal-UE u l-aġenda ta' riforma ambizzjuża tagħha. Huma jisħqu fuq l-appoġġ tal-UE għas-sovranità, l-integrità territorjali u r-riformi demokratiċi tal-pajjiż.



IS-16 TA' LULJU

Il-Kummissjoni tipproponi l-aktar baġit fit-tul ambizzjuż tal-UE li qatt sar bi kważi EUR 2 triljun għall-perjodu 2028–2034. Dan jiffoka fuq l-investiment fl-Istati Membri, ir-reġjuni u n-nies, it-tisħiħ tal-kompetittività u l-innovazzjoni Ewropea, il-protezzjoni tal-Ewropa u ċ-ċittadini tagħha u t-tisħiħ tal-UE bħala attur globali.



Il-Kummissjoni tniedi proċess ta' riflessjoni għar-
rieżami tal-arkitettura tal-UE kontra l-frodi.



IS-17 TA' LULJU

Matul żjara fl-Iżlanda, il-President von der Leyen
u l-Prim Ministru Kristrún Frostadóttir jaqblu
li jniedu negozjati dwar sħubija għas-sigurtà
u d-difiża u jsaħħu l-kooperazzjoni dwar is-sajd,
il-governanza tal-oċeani, il-klima, u aktar.



Ir-Repubblika tal-Korea ssir pajjiż assoċjat
ma' Orizzont Ewropa, l-ewwel pajjiż
Asjatiku li ssieħeb fil-programm.




IT-18 TA' LULJU

L-UE tadotta t-18-il pakkett ta' sanzjonijiet tagħha
kontra r-Russja, li jinkludi t-tnaqqis tal-limitu
massimu tal-prezz taż-żejt, il-projbizzjoni fuq it-
tranżazzjonijiet għall-pipelines Nord Stream, u aktar
individwi, kumpaniji, banek u bastimenti elenkati.



Il-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni u lir-
Rappreżentat Għoli jidħlu f'negozjati ma' kull wieħed
mis-sitt membri tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-
Golf biex jikkonkludu ftehimiet bilaterali ta' sħubija
strateġika.



IT-23 TA' LULJU

F'summit bilaterali, l-UE u l-Ġappun iniedu alleanza
tal-kompetittività b'enfasi fuq il-kummerċ, is-
sigurtà ekonomika, l-innovazzjoni, u t-tranżizzjonijiet
ekoloġiċi u diġitali. Iż-żewġ sħab isaħħu wkoll il-
kooperazzjoni tagħhom fis-sigurtà tad-difiża.



L-24 TA' LULJU

F'summit li jfakkar 50 sena ta' relazzjonijiet diplomatiċi bejn l-UE u ċ-Ċina, il-President von der Leyen tenfasizza l-ħtieġa li r-relazzjonijiet bilaterali jiġu bbilanċjati mill-ġdid. Fi stqarrija konġunta għall-istampa, iż-żewġ naħat jidentifikaw opportunitajiet għal fidma aktar mill-qrib dwar il-klima.



Il-Kummissjoni tilħaq ftehim mal-Moldova biex taġġorna r-relazzjoni kummerċjali bilaterali lejn relazzjoni kummerċjali stabbli, fit-tul u bbilanċjata, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċess ta' adeżjoni tal-Moldova.



Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza jibgħat ajruplani tat-tifi tan-nar minn rescueEU biex jiġġieldu n-nirien fil-foresti f'Ċipru. Dan l-istaġun l-UE wiegħbet għal emerġenzi ta' nirien fil-foresti fil-Greċja, fil-Bulgarija, fl-Albanija u fil-Maċedonja ta' Fuq. Ħaddiema tat-tifi tan-nar minn madwar l-Ewropa ġew prepożizzjonati strateġikament f'żoni ewlenin ta' riskju għoli fil-Portugall, fi Spanja, fil-Greċja u fi Franza.



IS-27 TA' LULJU

Il-President von der Leyen u l-President tal-Istati Uniti Donald Trump jilħqu ftehim dwar it-tariffi u l-kummerċ li jwassal għal stabbiltà u prevedibbiltà għaċ-ċittadini u n-negożi.



IT-28 TA' LULJU

Il-Kummissjoni tipproponi li tissospendi parzjalment il-parteċipazzjoni ta' Iżrael f'Orizzont Ewropa wara r-rieżami tal-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u Iżrael.

Awwissu 2025



IL-5 TA' AWWISSU

Il-Kummissjoni tipproponi operazzjoni ġdida ta' assistenza makrofinanzjarja għall-Ġordan b'valur ta' EUR 500 miljun sabiex tgħin lill-pajjiż javvanza l-aġenda ta' riforma tiegħu u jrawwem l-impjiegi, it-tkabbir ekonomiku u l-investiment.




IT-13 TA' AWWISSU

Spanja tattiva l-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili għall-ewwel darba għan-nirien fil-foresti u l-Kummissjoni timmobilizza malajr żewġ ajruplani rescEU. Fil-ġimgħa ta' qabel, l-Albanija, il-Bulgarija, il-Greċja u l-Montenegro wkoll kienu attivaw il-mekkaniżmu u lkoll ircewew appoġġ. L-għadd ta' attivazzjonijiet għall-2025 diġà laħaq dak tal-attivazzjonijiet totali għan-nirien fil-foresti għall-2024 matul l-istaġun kollu tan-nirien.



IT-18 TA' AWWISSU

Il-President von der Leyen, flimkien ma' diversi mexxejja Ewropej, tingħaqad mal-President Zelenskyy fil-laqgħa tiegħu mal-President tal-Istati Uniti Donald Trump f'Washington DC. Il-mexxejja jaqblu li jaħdmu fuq garanziji ta' sigurtà għall-Ukrajna u jesprimu appoġġ għall-isforzi tal-President Trump biex jitwaqqaf il-qtil. Il-jum ta' qabel, il-President von der Leyen tilqa' lill-President Zelenskyy fi Brussell u tospita vidjokonferenza ma' mexxejja Ewropej oħra wara l-laqgħa tal-President Trump ma' Vladimir Putin.



IT-22 TA' AWWISSU

Il-Kummissjoni tiżborża lill-Ukrajna EUR 4.05 biljun: EUR 3.05 biljun taħt il-Faċilità għall-Ukrajna u EUR 1 biljun taħt il-programm eċċezzjonali ta' assistenza makrofinanzjarja li għandhom jithallu lura bir-rikavati tal-assi Russi immobilizzati miżmuma fl-UE.

EU-US JOINT STATEMENT

IT-28 TA' AWWISSU

Biex twitti t-triq għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-21 ta' Awwissu u tirrestawra l-istabbiltà u l-prevedibbiltà fir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali, il-Kummissjoni tressaq żewġ proposti biex telimina t-tariffi fuq il-prodotti industrijali tal-Istati Uniti, tipprovdi aċċess preferenzjali għas-suq għal xi prodotti tal-frott tal-baħar u prodotti agrikoli mhux sensitivi tal-Istati Uniti, u testendi t-trattament attwali mingħajr tariffi għall-awwista.



Settembru 2025

MID-29 TA' AWWISSU SAL-1 TA' SETTEMBRU

Il-President von der Leyen iżżur l-Istati Membri l-aktar esposti tal-UE: il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija. Matul il-vjaġġ, il-President tħabbar is-sottoskrizzjoni sħiħa ta' EUR 150 biljun f'fondi SAFE minn 19-il Stat Membru. Hija tenfasizza wkoll is-solidarjetà tal-UE fid-dawl tal-isfidi li jiffaċċjaw il-pajjiżi li jmissu mar-Russja u l-Belarusja.

IT-3 TA' SETTEMBRU

Il-Kummissjoni tippreżenta lill-Kunsill, għall-iffirmar u l-konkluzzjoni, il-proposti tagħha għal Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u Ftehim Globali Modernizzat bejn l-UE u l-Messiku.



© L-Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>).

Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

KREDITI

L-immaġnijiet kollha © L-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.